

## Aggravji u argumenti prinċipali

L-appell huwa indirizzat kontra l-punti 57, 58 u 65 tas-sentenza appellata. Skont is-SEAE, il-Qorti Ġeneral li wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat fil-punt 65 tas-sentenza tagħha li s-SEAE ma eżegwixxix b'mod korrett is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2015, De Loecker vs SEAE (F 34/15) u li kiser id-dritt għal smiġi tar-riorrent, billi naqas milli jisimgħu bħala parti mill-analiżi preliminari fil-bidu ta' investigazzjoni amministrattiva.

F'dan il-kuntest, is-SEAE jikkunsidra li l-Qorti Ġeneral li wettqet żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-fatti tal-kawża, billi żnaturat il-proċedura segwita u billi injorat il-fatt li s-SEAE kien sema' lir-riorrent billi tah l-opportunità li jissottometti kwalunkwe prova addizzjonal mal-ilment oriġinali tiegħu, u dan qabel ma jissottometti l-fajl lill-Kummissjoni għal investigazzjoni preliminari.

Barra minn hekk, is-sentenza De Loecker vs SEAE (F-34/15) għiet interpretata ħażin bħala li timponi obbligu fuq is-SEAE li jisma' lir-riorrent digħi fl-istadju tal-proċedura preliminari (punti 55 sa 57 tas-sentenza appellata).

Fl-aħħar nett, is-SEAE jsostni li l-Qorti Ġeneral li wettqet żball fl-evalwazzjoni tal-proċedura billi ttrasponiet fil-kawża odjerna, il-konklużjonijiet tas-sentenza tal-14 ta' Frar 2017 Kerstens vs Il-Kummissjoni (T 270/16 P, iċċitata fil-punt 58 tas-sentenza appellata). Il-Qorti Ġeneral naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li, fil-kawża odjerna, kien hemm biss analiżi preliminari u mhux investigazzjoni amministrattiva.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Bucureşti (ir-Rumanija) fit-28 ta' Frar 2019 — PJ vs QK

(Kawża C-195/19)

(2019/C 187/44)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

### Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Bucureşti

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: PJ

Konvenut: QK

### Domandi preliminari

- Il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u ta' verifika (MKV), stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE, tat-13 ta' Diċembru 2006 (1), u r-rekwiżiti fformulati fir-rapporti stabbiliti fil-kuntest ta' dan il-mekkaniżmu għandhom natura obbligatorja għar-Rumania?

- 2) L-Artikolu 67(1) TFUE, kif ukoll l-ewwel sentenza tal-Artikolu 2 TUE u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 9 TUE jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi taqsima tal-uffiċċju tal-prosekuzzjoni li hija esklużivament kompetenti sabiex tinvestiga dwar kull tip ta' ksur imwettaq minn imħallfin jew minn prosekuturi?
- 3) Il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt Ewropew, kif stabbilit bis-sentenza tal-15 ta' Lulju 1964, Costa, 6/64, EU:C:1964:66, u mill-ġurisprudenza sussegwenti stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lil istituzzjoni politiko-ġuridika, bħall-Curtea Konstituitională a Romāniei (il-Qorti Kostituzzjonal tar-Rumanija), li tikser il-prinċipju msemmi iktar 'il fuq permezz ta' deċiżjonijiet li ma jista' jkollhom ebda rimedju ġudizzjarju?

---

(<sup>1</sup>) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verfika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment spċċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni (ĠU L 142M, p. 825).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Miskolci Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fis-6 ta' Marzu 2019 — UO vs Készenléti Rendőrség

(Kawża C-211/19)

(2019/C 187/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

### Qorti tar-rinvju

Miskolci Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: UO.

Konvenuta: Készenléti Rendőrség

### Domandi preliminari

- L-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (<sup>1</sup>) għandu jiġi interpretat, fis-sens li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva huwa ddeterminat mill-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/391/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoragħixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (<sup>2</sup>)?
- Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 89/391/KEE, dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoragħixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol għandu jiġi interpretat fis-sens li l-punti 1 u 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/88/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ma għandhomx japplikaw għal-uffiċċali tal-pulizija li huma membri tal-personal professionali tal-Pulizija ta' Intervent Rapido?

---

(<sup>1</sup>) ĠU Edizzjoni Specjalib bil-Malti, Kapitolo 5, Vol. 4, p. 381.

(<sup>2</sup>) ĠU Edizzjoni Specjalib bil-Malti, Kapitolo 5, Vol. 1, p. 349.

---